BROADCASTING AUTHORITY L - AWTORITÀ TAX - XANDIR

MALTA

**Appendiċi A ma' Ċirkulari 11/09**

**Interpretazzjoni tal-Artikli 4 u 9 tat-Tielet Skeda tal-Att dwar ix-Xandir dwar Nuqqas ta' Separazzjoni u Reklamar b'Ħabi**

Artiklu 4 tat-Tielet Skeda tal-Att dwar ix-Xandir jipprovdi li:

*"Ir-reklamar u t-teleshopping għandhom ikunu distingwibbli b'mod ċar bħala tali u jinżammu separati sew mill-partijiet l-oħra tas-servizz tal-programm b'mezzi ottiċi jew akustiċi. Reklami iżolati u teleshopping spots ikunu biss l-eċċezzjoni;"*

waqt li Artiklu 9 tal-istess Skeda jipprovdi li:

*"Għandu jkun projbit reklamar b'ingann*."

Sabiex l-istazzjonijiet tax-xandir ikunu jistgħu jiggwidaw ruħhom, l-Awtorità tax-Xandir qed tipprovdi din l-interpretazzjoni ta' kif bi ħsiebha tinforza dawn il-provvedimenti tal-liġi:

(i) Min jiġi mistieden sabiex jipparteċipa f'parti informattiva ta' programm ma tistax tkun persuna li b'mod evidenti tkun assoċjata mal-entità li tkun qed tisponsorja l-programm jew xi rokna tal-programm, jew li tkun qed tirreklama f'dak il-programm.

(ii) Preżentatur ta' programm ma jistax jieħu parti f'reklam li jkun qed jippromovi prodott jew servizz tal-istess ġeneru li jkun ġie ittrattat fil-parti informattiva tal-programm. B'danakollu, il-preżentatur jista' jidher, anki waqt l-istess programm, f'reklami li jkunu qed jippromovu xi ġeneru ieħor ta' prodott jew servizz.

(iii) Is-sett li jintuża fir-rokna informattiva m'għandux ikun is-sett li jintuża fir-reklam li jixxandar wara li tispiċċa r-rokna informattiva.

(iv) Il-prodott jew servizz li jiġi reklamat *f'batch* ta' reklami li tittella' jew immedjatament qabel ma tibda jew wara li tkun spiċċat rokna informattiva ta' programm m'għandux ikun l-istess prodott jew servizz imsemmi fir-rokna informattiva. Għal dan il-għan, *batch* ta' reklami li tiġi interrotta b'xi sempliċi *jingle* jew b'xi metodu simili titqies li tkun tikkostitwixxi l-istess *batch* ta' reklami u sabiex *batch* ta' reklami tkun tista' titqies bħala waħda distinta iridu jkunu għaddew mill-anqas 20 minuta minn meta tkun intemmet l-aħħar *batch*.

(v) Fir-reklam ma tistax issir referenza għall-prodotti jew servizzi li jkunu ntwerew

7, Mile End Road, HAMRUN HMR 17, Malta. Tel: (+356) 221281, 247908. Fax: (+356) 240855.
E-Mail: info.ba@ba.org.mt

fir-rokna informattiva.

(vi) Fir-rokna informattiva ma tistax issir referenza għall-prodotti jew servizzi li jkunu se jissemmew fir-reklami li jsegwu dik ir-rokna.

(vii) Ikun hemm ġrajjiet li, għalkemm ikunu jinvolvu entitajiet ta' natura kummerċjali, ikollhom ukoll valur t'aħbar. L-Awtorità ma jkollha l-ebda diffikultà li dawn il-ġrajjiet jiġu nklużi f'bullettini tal-aħbarijiet u dan sakemm il-preżentazzjoni tal-aħbar tkun saret b'mod informattiv u mhux bi skop reklamatorju. F'dan ir-rigward issir referenza għal paragrafu 11 tal-Ħtiġijiet dwar Standards u Prattika li japplikaw għal Bullettini tal-Aħbarijiet u l-Programmi ta' Ġrajjiet Kurrenti, Leġislazzjoni Sussidjarja 350.14. Iżda, l-inklużjoni ta' ġrajjiet bħal dawn fi programmi ta' diskussjoni jew ta' ġrajjiet kurrenti x'aktarx li jkollha skop aktar reklamatorju milli informattiv u għalhekk f'dan il-kaz l-Awtorita' tqis li dan ikun qed jikser il-provvedimenti tal-imsemmija Artikli 4 u 9 tat-Tielet Skeda ta' l-Att dwar ix-Xandir.

Din l-interpretazzjoni qed tingħata mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tal-provvedimenti ta' Artikli 4 u 9 tat-Tielet Skeda tal-Att dwar ix-Xandir.

10 ta' Ġunju 2009

7, Mile End Road, HAMRUN HMR 17, Malta. Tel: (+356) 221281, 247908. Fax: (+356) 240855.
E-Mail: info.ba@ba.org.mt